# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 12 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1007/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Mario Tonna

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm152.70) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mis-16 ta' Frar, 1998, sal-4 ta' Settembru, 1998.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal:-

Illi -talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda ammont ma huwa dovut ghall-perijodu indikat fl-avviz u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici, kif ukoll ix-xhieda tal-konvenut Mario Tonna. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-pagament tal-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fl-Avviz.

Huwa xehed li fid-9 ta' Awissu, 1998, tilef il-'mobile' bin-numru 099 3697 u ta' struzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex din il-linja tigi 'barred'. Fl-10 ta' Awissu, 1998, xtara 'mobile phone' iehor u talab lis-socjeta' attrici taghtih linja ohra izda din id-darba taht is-sistema GSM u cioe' bin-numru 0949 3697. Il-konvenut isostni li meta huwa inghata l-linja GSM huwa hallas il-kontijiet b'lura tal-linja l-ohra taht is-sistema ETACS u dan ghaliex kieku ma kienux ituh il-linja l-gdida taht is-sistema GSM, izda l-konvenut naqas milli jesibixxi l-ircevuta relattiva ghal dan il-pagament jew xi dokument iehor li b'xi mod jindika li l-pagament gie effetwat.

Illi l-konvenut xehed ukoll li xahar wara li effetwa l-pagament, is-socjeta' attrici baghtitlu 'refund' ta' tletin lira Maltin (Lm30.00). Huwa qal li l-kont rigwardanti l-arretrati dovuti fuq il-linja bin-numru 099 3697 ircevieh tlettax il-xahar wara li huwa kien ta' struzzjonijiet sabiex din il-linja tigi 'barred' kif intqal aktar il-fuq. Il-konvenut esibixxa kopja ta' korrispondenza skambjata mas-socjeta' attrici f'Ottubru u Novembru 1999, fejn huwa kkkontesta l-ammont ta' mija u tnejn u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm152.70) mitlub mis-socjeta' attrici u fejn l-istess socjeta' attrici tat spjegazzjoni tal-ammont li kienet qed titlob.

Illi fl-ittra datata 27 ta' Novembru, 1999 (Dok. MT1), is-socjeta' attrici spjegat illi l-kera ghall-uzu tal-linja tithallas bil-quddiem filwaqt li l-pagament ghat-telefonati ovvjament jigi effetwat b'lura. Anness ma' din l-ittra kien hemm 'statement' liema 'statement' gie esibit mis-socjeta' attrici u huwa mmarkat bhala Dok. AV1.

Illi l-konvenut isostni li l-fatt li l-kont relattiv ghall-linja ETACS intbaghat tlettax il-xahar wara li din il-linja giet 'barred' jindika li hemm xi zball da parti tas-socjeta' attrici, liema socjeta' attrici tibghat kontijiet fuq basi mensili.

Illi t-Tribunal ukoll jirrizultalu pjuttost stramb li l-kont in kwistjoni intbaghat mis-socjeta' attrici wara tlettax il-xahar li inqatghet il-linja, izda jirrileva li l-konvenut li qed jeccepixxi l-pagament tal-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, ma esibixxa ebda dokument li jindika l-allegat pagament effetwat minnu. Min jallega jrid jipprova, u fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ma rnexxilux jipprova b'mod soddisfacenti li sar pagament tal-ammont ta' mija u tnejn u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm152.70).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici

s-somma ta' mija u tnejn u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm152.70) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR